# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 31 ta' Jannar, 2001**

**Numru  19**

**Citaz.  numru:  920/00 NA (M2)**

**Maria Dolores maghrufha bhala Doreen Polidano**

**vs**

**Carmel Polidano**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'talba maghmulha mill-attrici ghan-nomina ta' periti addizzjonali fl-atti tar-rikors 920/00 M2 li origina minn rikors ta' l-istess attrici tat-12 ta' Mejju 2000.  It-talba hija maghmulha in konfront ma' rapport ipprezentat minn espert li kienet giet innominata mill-Qorti biex tinvestiga din il-materja Louise Scerri.

Din it-talba giet ittratata fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2001 u differita ghad-digriet, liema digriet sejjer jinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti ta' spiss kellha tikkonsidra talbiet simili li skond ic-cirkostanzi tal-kaz partikolari gew f'xi okkazzjonijiet milqugha, f'ohrajn invece michuda. Minghajr pero' ma tabbroga d-dritt taghha li tiddeciedi kull kaz fuq il-meritu tieghu partikolarment li tichad talbiet simili fejn jirrizulta illi l-istess talba kienet qed issir b'mod frivolu jew semplicement biex jiddelungaw il-proceduri, jidhrilha illi in linea generali ghandu japplika dak minnha deciz fid-digriet tal-20 ta' Novembru 1998 fil-kawza fl-ismijiet "Mary Aguis vs Joseph Agius" (Citazz. Nru: 1271/97 NA): "*Illi l-ligijiet taghna fil-Kapitolu 12 jipprovdu ghan-nomina ta' periti addizzjonali permezz ta' l-Artikolu 674 ta' l-istess Kapitolu. Dan l-Artikolu jaghti lill-Qorti fakolta' biex taghmel din il-hatra minghajr obbligu li taccetta talba ghalhekk. Din il-materja mhuwiex kamp gdid ghal din il-Qorti kif presjeduta li ghandha madwar 2000 kawza quddiemha fejn gie nominat Perit Legali jew Tekniku. Ta' spiss ghalhekk wara rapport originali ssir it-talba ghall-periti addizzjonali. Il-linja li dejjem hadet din il-Qorti hija li tirrifjuta t-talba fejn ir-*

*rapport ikun wiehed semplicement dwar fatti u/jew punt ta' dritt. L-Imhallef ma ghandux ikollu bzonn erba' opinjonijiet proprju biex jaqdi dak li hu dmiru. F'materji teknici, medici jew ta' xort'ohra specjalizzati fejn l-Imhallef ma jkunx a konoxxenza ta' dik ix-xjenza jew teknika partikolari, ghall-kuntrarju, ikun zbaljat dak l-Imhallef li jistrieh fuq parir wiehed li jkun gie lilu moghti.*

*Dawn il-konsiderazzjonijiet japplikaw b'aktar forza f'kaz bhal prezenti fejn hemm l-interess tal-minuri nvoluti li, kif anke ntqal fl-atti ta' dan ir-rikors huwa tant suprem li l-interess tal-genituri fil-konfront tieghu (cioe' ta' dak l-interess) huwa ghal kollox sekondarju. Huwa minnu li dan l-interess pero' (u mhux necessarjament dak tar-rikorrenti) jirrikjedi li materja bhal din ma tittawwalx indefinittivament ....... Hemm pero' cirkostanzi fejn ir-riskju li ma jsirx ebda zball f'materja tant delikata huwa zgur ta' ferm aktar importanzi mill-moghdija ta' ftit xhur.*"

F'dan il-kaz ma jirrizulta ebda mill-fatturi negattivi fuq imsemmija u ghalhekk il-prudenza f'din il-materja delikata twassal lill-Qorti biex tilqa' t-talba, ovvjament, f'dan l-istadju a

spejjez ta' l-attrici li ghamlet l-istess talba ghall-periti addizzjonali.

Il-Periti Addizzjonali ghandhom ikunu Dottor Joseph Cassar innominat mill-istess attrici, is-Social Worker Joseph Calleja nnominat mill-konvenut u Dr. Joseph Pisani nnominat mill-Qorti.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.